MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru. 133/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**YAHIA SHARIF**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **YAHIA SHARIF,** ta’ 28 sena, iben Zakaria u Fahrija, imwieled Aleppo, Syria, ta’ nazzjonalita’ Sirjana, imwieled fl-4 ta’ Marzu 1985, u residenti f’Hangar Centru Miftuh, Hal Far u detentur bin-numru tal-pulizija tal-Immigrazzjoni 13V-090 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-15 ta’ Novembru 2013 kif ukoll fiz-zmien ta’ qabel, f’Malta, minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom kunsens tal-Avukat Generali, dokument mahrug mill-Immigration Branch, stqarrija, e-mail u diversi dokumenti esebiti go envelop blu mill-Isvezja.

Semghet l-imputat jiddikjara li hija indigenti u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Cedric Mifsud sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta' Frar 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali Dr Cedric Mifsud u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (5) ta' Frar 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ghandu fedina penali netta u li l-imputat ikkopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat YAHIA SHARIF hati tal-akkuzi u tikkundannah piena karcerarja ta' tliet (3) xhur sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28(A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------